## Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Louis Antoine Robert Vallee**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Louis Antoine Robert Vallee, datati 12 ta` Awwissu, 2017, ta` 20 sena, iben Dominique u Maria de Fatima xebba Carniero, imwieled gewwa Franza nhar is-26 ta` Settembru, 1996, residenti Sliema u detentur tal-karta tal-identita` Franciza numru 140728101839, akkuzat talli:

Nhar it-12 ta` Awwissu, 2017, ghall-habta tas-sitta ta` filghodu (06:00hrs), minn gewwa l-istabbiliment 'Fuego', li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Giljan:

1. Ikkommetta serqa ta` mobile phone ta` ghamla HTC, ghad-detriment ta` Donnalise Meli, liema serq hija kwalifikata bil-hin u bil-valur li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. Ukoll talli fl-istess hin, lok, u cirkostanzi ikkommetta serq ta` mobile phone ta` ghamla Samsung, ghad-detriment ta` Miriam Bettaieb, liema serq hija kwalifikata bil-hin u bil-valur li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti esebiti inkluz il-fedina penali tal-imputat;

Semghet il-provi prodotti,

Il-Qorti rat li waqt l-istadju tal-ezami tal-imputat, huwa ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu fil-prezenza tal-interpretu u wara li tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex anke jikkonsulta lill-Avukat Difensur tieghu u sabiex jerga` lura minnha izda l-imputat ghazel li jerga` jtenni l-istess ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Li fid-dawl tal-ammissjoni registrata tal-imputat b'mod inkondizzjonat u fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati, m'ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti semghet id-dikjarazzjoni tal-partijiet fejn l-Ufficjal Prosekutur tenna illi dan huwa kaz iehor ta` pickpocketing fil-lokalita` ta` San Giljan. Huwa punt li dawn il-kazijiet saru komuni hafna u sahaq li l-Qorti ghandha taghti piena ezemplari fil-konfront tal-imputat.

Id-difiza tenniet illi l-imputat ghandu l-Fedina Penali tieghu netta kif ukoll li huwa student li qieghed hawn Malta fuq btala u li ma tistax tqabbel il-kazijiet ta` pickpocketing kollha f'daqqa u bl-istess mod. Tenniet li ghar-riferenza tal-ohrajn l-imputat mhux biss ikollabora bi shih mal-Pulizija izda wkoll li rritorna l-mobile ta` ghamla HTC u li kif ukoll ghalkemm it-tieni mobile ta` ghamla Samsung S7 Edge ma nstabx fuq il-persuna tieghu hu kien lest li jhallas lis-sid tal-mobile bl-ammont.

Ghaldaqstant:

Il-Qorti wara li qiset ic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, is-sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll l-ammissjoni bikrija moghtija mill-imputat u wara li rat l-Artikoli 261 (c) (e) (f), 267, 270, 273 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti tordna li filwaqt li ssib lill-imputat fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess hati tal-imputazzjonijiet kontestati, wara li rat l-Artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghall-piena ta` erbatax (14) il-xahar prigunerija u malli rat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li din is-sentenza tibda ssehh jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Inoltre, a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta` tmien mitt ewro (€800) fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha mil-llum, jigifieri sa nofsinhar ta` nhar it-Tnejn, 14 ta` Awwissu, 2017, lil Miriam Bettaib li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita` numru 217787M, u dan bhala kumpens li hi soffriet b'konsegwenza tas-serqa tal-mobile taghha.

Finalment, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza, kif ukoll l-Atti ta` dan il-kaz, jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Mogħtija illum, 12 ta' Awwissu, 2017, fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Il-Maġistrat***

***Aaron M. Bugeja***